# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 19

Il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

Dr Daniel Attard - Sindku
Is-Sur Emmanuel Mintoff - Viċi Sindku
Is-Sinjura Elizabeth Mintoff - Kunsilliera
Is-Sur Salvatore Felice Pace - Kunsillier
Is-Sur Sammy Saliba - Kunsillier

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**19.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-18

**19.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 18 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew ikkoreġuti u approvati unanimament.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**19.3.01** Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għall-purtieri ġodda għas-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill għażel l-aktar kwotazzjoni vantaġjuza li tinkludi l-materjal, ħjata, "rods" u nstallazjoni.

**19.3.02** Il-Kunsill irċieva risposta mingħand l-Iskola Primarja "Laura Vicuna" dwar il-proposta tal-Kunsill biex it-tfal tal-Iskola jieħdu sehem f'Milied Solidali – Serati ta' Carol Singing fil-Lokalita'. Għalkemm xtaqu jieħdu sehem ma sabux soluzjoni minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija.

**19.3.03** Emajl mingħand il-Local Goverment Division dwar Applikazzjoni għall-Amministrazzjoni ta' Propjeta Pubblika. Bdiet proċedura ġdida biex tapplika għad-devoluzzjoni.

**19.3.04** Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel il-valutazzjoni tal-ħaddiema tas-CWS. Dan sar mis-Segretarju Eżekuttiv

**19.3.05** Ċirkulari AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021. Il-Kunsill offra din l-iskema lill-ħaddiema tas-CWS iżda wieħed biss aċċetta dan il-benefiċċju.

**19.3.06** Rapport mingħand il-Contract Manager għal ġimgħat 40-44. Hu ġibed l-attenzjoni dwar il-latrina pubblika. Din mhux tinżamm fi stat kif mitlub fil-kuntratt.

**19.3.07** Id-defibulator issa ġiet installata mal-faċċatta tal-Kunsill. Tajjeb kieku jsiru xi lezzjonijiet ta' kif din taħdem. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija ma nistgħux nħallu ħafna persuni jattendu għal dawn il-lezzjonijiet. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru aktar minn sezzjoni waħda. Għandu jintbagħat avviż sabiex dawk interessati jinkitbu. Idealment ikun hemm persuna minn kull triq.

**19.3.08** Il-Kunsill irċieva talba sabiex Triq tal-Kanun issir bil-konkos. Dan wara li kien hemm kuntrattur li għamel trinka biex idaħħal xi servizzi. Dan il-kuntrattur offra

li jagħmel ix-xogħol hu bil-makkinarju tiegħu imma bil-materjal provdut mill-Kunsill. Il-Kunsilliera ma qablux ma dan is-suġġeriment. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Kuntrattur biex jirranġa u jnaddaf it-triq u din terġa lura għall-istat li kienet qabel ma għamel ix-xogħol hu.

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**19.4.01** Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff ġibdet l-attenzjoni dwar it-talba tal-Kunsill biex issir bankina fi Triq Għammar. Din it-talba ġiet approvata mill-Gvern Ċentrali iżda baqgħet ma saritx. Is-Segretarja għandha tibgħat "reminder".

**19.4.02** Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibbli biex il-ħitan tas-sejjieħ jerġgħu jinbnew fi Triq tal-Fanal fejn hemm passaġġ. Għandha ssir talba lill-Gvern Ċentrali.

**19.4.03** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsilliera li ser isir xogħol ta' tibdil tal-latrina fil-knisja tal-Għasri minn xi voluntiera u benefatturi. Hu talab l-użu tat-trakk tal-Kunsill biex jintrema l-iskart. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

## 19.5 Tiżjin tal-Milied.

**19.5.01** Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-tiżjin taċ-ċentru tar-raħal għal żmien tal-Milied. Ma kienx hemm offerti mitfugħa. L-Għaqda tal-Festa ser tieħu ħsieb tagħmel it-tiżjin. Il-Kunsill ser jixtri xi materjal (bozoz, *flood lights*) biex dan ikun jista jsir. Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal dan il-materjal.

## 19.6 Sinjali Sofor fi Triq il-Knisja;

**19.6.01** Saret laqgħa ma rappreżentanti ta' Triq il-Knisja dwar il-kwistjoni ta' sinjali sofor li ġew mitluba fejn l-entratura ta' Levecca Village. Kien hemm residenti li ma qablux ma dawn is-sinjali. Waqt il-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill intlaħaq ftehim li l-Kunsill Lokali tal-Għasri jitlob lit-Transport Malta sabiex isiru sinjali sofor ħdejn l-entratura tal-Levecca Village u faċċatta l-istess entratura sabiex ma jkunx hemm ostruzzjoni meta wieħed ikun dieħel jew ħiereg bil-vettura. Id-deċiżjoni tittieħed mit-Transport Malta.

## 19.7 Tindif u Tisbiħ fl-Inħawi ta' Wied il-Għasri;

**19.7.01** Sar tindif minn diversi voluntiera, ħaddiema tal-Kunsill u l-kuntrattur tal-Kunsill fl-inħawi ta' Wied l-Għasri. F'dan is-sit li tnaddaf kien hemm ħafna *dumping* ta' terrapien u skart ieħor. Is-Sindku ssuġġerixxa li f'din l-*area* jsir tħawwil ta' siġar. Din l-idea għada trid tiġi diskussa f'aktar dettall fil-futur.

## 19. 8 Attivita' tal-Awturi;

**19.8.01** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsilliera dwar l-attività li ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru fis-7:00 ta' filgħaxija. L-Attività tal-Awturi ser issir fil-knisja parrokkjali (fejn ikun hemm spazju bizzejed minħabba s-social distancing li huwa obbligatorju). Din l-attività ser tiġi ffilmjata sabiex tintwera fuq il-programm "Għawdex Illum" aktar 'l quddiem.

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti; u

**19.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-19 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 19. 10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**19.10.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8:00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ħamis 19 ta' Novembru 2020.

**IFFIRMATI**

Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATI**

Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv